# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

## Seduta numru 31 tas-7 Leġislatura
## L-Erbgħa, 12 ta' Awwissu 2015

**MINUTI**

Il-Membri li jikkomponu is-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv għas-Seduta Numru 30 tas-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali Mġarr nhar l-Erbgħa, 12 ta' Awwissu 2015 fl-Uffiċċju Amministrattiv, fuq din l-aġenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Evalwazzjoni tal-Offerti Ġodda
5. Preparamenti tal-Festa 2015
6. Affarijiet Mixxelanji

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, id-Deputat Sindku, Eman Vella, il-Kunsillier Mario Sammut u il-Kunsillier Elizabeth Ebejer, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-Kunsillier Clayton Gauci u l-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ Sarah Chetcuti kien skużati.

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, is-Sur Paul Vella.

### 1 Minuti

Punti mill-minuti

dwar punt 2.4 : wara li saret laqgħat li għaliha attendew rappreżentanti ta' Mellieħa AC, ġie deċiż li din l-attivita' ser issir fit-13 ta' Settembru.

dwar punt 7.3 : peress li il-laqgħa mal-Ministru kellha titħassar, sar appuntament ieħor għat-22 ta' Settembru, fit-8:30am

**1.1** Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati.

**2. Korrispondenza**

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

**3. Komunikazzjonijiet**

3.1 Is-Sindku informa li kellu laqgħa ta' koordinament mal-Pulizija tad-Distrett u mas-Supretendent Simon Galea.

3.2 Is-Sindku informa li l-fencing mal-parti t-isfel tal-playing field ta' Wesgħat il-Ġublew kienet qed titwaħħal u li ix-xatba kienet ser tkun lesta fil-jime li ġejjin.

3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li wara li sar magħruf li il-ġbir ta' skart mill-Ġnejna twaqqaf mid-Dipartiment tal-Indafa Pubblika, hu kien kellem lid-Direttur tal-istess Dipartiment u wara li ma nstabitx soluzzjoni, kiteb lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jinforma bis-sitwazzjoni u jieħu gwida.

**4. Evalwazzjoni tal-Offerti Ġodda**

4.1 Peress li dak in-nhar stess tas-Seduta kienet għalqet sejħa għall-offerti, Is-Segretarju Eżekuttiv, fil-preżenza tas-Sindku u l-Kunsillier Mario Sammut fetaħ il-kaxxa tal-offerti. Dawn huma l-offerti misjuba :

4.2 MGR 2015/05 : Resurfacing ta' Triq Rurali :
Kien hemm offerta waħda mingħand Bonnici Bros. Ltd. Din l-offerta ser tingħata lill-perit tal-Kunsill sabiex jagħmel evalwazzjoni tagħha u jsir rapport.

4.3 MGR 2015/06 : Forniment ta'wiċċ għall-art ta' parti mill-Bandli ta' Wesgħat il-Ġublew:
Kien hemm 3 offerti : mingħand Intersteel Ltd. (3 alternattivi), JGC Play On Ltd., u Projekte Global Ltd. (3 alternattivi). Dawn l-offerti ser jingħataw lill-perit tal-Kunsill sabiex jagħmel evalwazzjoni u jsir rapport.

4.4 MGR 2015/07 : Xogħol fuq Triq Għajn Tuffieħa :
Kien hemm 2 offerti, mingħand Bonnici Bros. Ltd. u Adam Bugeja. Dawn l-offerti ser jingħataw lill-perit tal-Kunsill sabiex jagħmel evalwazzjoni u jsir rapport.

**5. Preparamenti tal-Festa 2015**

5.1 Is-Sindku informa li il-preparamenti għall-Festa kien mexjin tajjeb u kieu saru l-arranġamenti kollha bħas-snin l-imgħoddija.

**Kunsill Lokali L-Imġarr**

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
***www.mgarrlc.com***

**6. Affarijiet Mixxellanji**

6.1 Ingħata update tal-ħsieb li ssir applikazzjoni għall-proġett ta' Town Twinning bejn il-Kunsill u l-Comune di Lagosanto fl-Italja. Saret laqgħa mal-MEUSAC dwar dan u ser issir oħra fil-ġranet li ġejjin. Il-proposta hija li l-proġett jitwettaq bejn it-8 u l-11 ta' April 2016, fi' żmien Festa Frawli.

6.2 Elizabeth Ebejer ressqet inizzjattiva sabiex tikkuntatja lill-kittieb Imanuel Mifsud sabiex jagħmel serati ta' qari bil-Malti fl-Imġarr, idejalment fis-setaħ tal-bini tal-Kunsill. il-Kunsill qabel. Elizabeth Ebejer ser tagħmel kuntatt mal-kittieb.

6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq tliet kwotazzjonijiet biex jinxtara kompjuter ġdid għall-użu tal-istaff. Il-Kunsill iddiskuta u ra l-offerti u qabel li jinxtara wieħed mingħand Scan Computers Ltd.

**Aġġornament**

Is-Seduta ntemmet fil-5:25pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa, 28 ta' Awwissu 2015.

| | |
|---|---|
| *Cyprian Dalli* | *Paul Vella* |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |